# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 84

9 ta' Lulju, 2018

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-1.45 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Margaret Said – Kunsilliera
Marie Georgette Spiteri – Ambaxxattriċi għaż-Żgħażagħ

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Joseph Bajada – Kunsillier
Maria Cassar Sultana – Kunsilliera

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

## Aġenda Nru. 84

84.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
84.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru. 82 – 8 u Nru. 83 – 8 (Laqgħa b'urġenza);
84.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
84.4 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv;
84.5 Għażla tal-Offerta SNTLC 05/2018 *for the provision and planting of Trees and Plants using environmentally friendly materials and practices as part of The Urban Greening Project 2018*;
84.6 Attivitajiet – Festa Santa Margerita 2018;
84.7 Ilmenti u Suġġerimenti;
84.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 7/2018;
84.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku Philip Vella ippresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 84.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

84.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Kunsillier Bajada u l-Kunsilliera Cassar Sultana ma setgħux jattendu għal din il-laqgħa u talbu li jkunu skużati. Il-Kunsill preżenti aċċetta dan.

## 84.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti

84.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħat preċidenti Nru 82 – 8 u Nru 83 – 8 (Laqgħa b'urġenza) li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Fuq dawn ma kienx hemm emendi u b'hekk dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 84.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

84.3.1 Is-Sindku nforma lil Kunsill li hemm il-ħtieġa li toħroġ sejħa għal offerti għal major resurfacing bil-hot rolled asphalt biex il-Kunsill ikollu rata stabbilita għal meta jkollu bżonn. Il-Kunsill qabel ma dan is-suġġeriment.

*Fis-13.52 p.m. daħlet għal laqgħa l-Ammbaxxatriċi għaż-Żgħażagħ.*

84.3.2 Is-Sindku qal li fil-jiem li għaddew saru laqgħat mas-sotto-kumitat tal-ġemellaġġ ma' Montefiascone biex il-Kunsill ikun jaf minn ser jitla' Montefiascone bejn 24 u 28 ta' Settembru 2018. Il-Kunsill qed iffittex l-aħjar prezz tal-biljetti tal-ajru. Is-Sindku qal li hu diġa għamel diversi kuntatti mall-linja nazzjonali AirMalta.

84.3.3 Is-Sindku qal li permezz tal-imejl l-Minsteru għal Għawdex talab suġġerimenti biex għal darb' oħra l-Kunsilli Lokali ta' Għawdex jgħamlu suġġerimenti għal xogħolijiet fuq toroq. Sadanitant is-Sindku kellu laqgħa mall-Ministru dwar il-Pjazza Santa Margerita u Triq Sannat fejn il-Kunsill se jibbenefika fuq dan il-proġett. Hu nforma lill-Kunsill li l-Ministeru għal Ghawdex qed jiffinalizza d-dokument tal-ftehim li se jsir bejn il-MGOZ u l-Kunsill biex dan jiġi ffirmat. Dan ix-xogħol se jinqasam fażijiet f'offerta waħda. Il-Kunsill se jkun hu li se jimplimenta dan il-proġett hekk kbir u tant mistenni mir-residenti tal-lokal. Dwar is-siġar tal-Oleander fil-Pjazza Santa Margerita l-Kunsill talab uffiċjali mill-ERA (Awtorita' tal-Ippjanar) peress li riċenti tqaċċtet siġra minnhom dik ta' quddiemil-Każin tal-PL u li sar l-intervent fuqha mill-ewwel fejn din is-siġra reggħet irkuprat mill-ewwel. Huma talbu li għandu jsir rapport minn arburist dwar dawn is-siġar peress li jinsabu f'dan l-istat biż-żmien, mard eċċ.

84.3.4 Is-Sindku qal li fit-18 ta' Awwissu 2018 ser issir attivita' bl-isem ta' Bands lokali u oħra minn Malta fi Pjazza Santa Margerita quddiem il-każini tal-futbol u l-banda. Dan biex nqajmu l-lokal matul l-istaġun tas-sajf fil-qasam tal-kummerċ.

84.3.5 Is-Sindku qal li l-Kunsill rebaħ 500 ewro mingħand GreenPak fuq l-ammont tal-ġbir tal-ħġieg darba fix-xahar bieb bieb li nġabar mill-lokalita'.

## 84.4 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

84.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li bħas-snin l-imgħoddija l-Parroċċa Ta' Sannat talbet lill-Kunsill fejn l-Kunsill ma jsibx oġġeżżjoni li ssir il-Festa ta' Santa Margerita fix-xahar ta' Lulju 2018.

84.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li ġie nfurmat mid-DLG li l-Bye-Laws dwar Attivitajiet fil-Beraħ ġiet ppublikata fil-Ġazzetta tal-Gvern nhar it-Tlieta 19 ta' Ġunju 2018.

84.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Kuntratt tal-Offerta SNTLC 05/2018 għal kisi bit-tarmak ta' parti minn Triq Bardan b'fondi ewropej minn Miżura 4.3, il-Kuntrattur Gatt Tarmac Ltd ġie nfurmat li rebaħ l-offerta. Hu għandu jgħamel garanzija bankarja u jiġi ffirmat il-Kuntratt biex jibda ix-xogħol f'din it-triq.

84.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill kif kien qal fl-aħħar laqgħa preċedenti li ssa reġa rċieva mingħand il-Contracts Review Bord għat-Tender 04/2018 dwar Kisi bit-tarmak ta' Triq l-20 ta' Lulju u major patching fi Triq Saguna li dawn kienu ġew sospiżi minħabba li l-appellant Road Constraction Co. Ltd. li ssa se jsir is-smiegħ tal-appell nhar il-Ħamis 12 ta' Lulju 2018. Għal dan is-smiegħ tal-appell se jattendu s-Sindku, hu u l-Avukat tal-Kunsill.

84.4.5 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li d-Direttur Ġeneral għall-Gvern Lokali bgħat kumunikat dwar it-termini u kundizzjonijiet ġodda tal-fond ta' ko-finanzjament.

84.4.6 Is-Segretarju Eżektuttiv informa lill-Kunsill li saret talba lill-bord ta' ARPA biex issir estensjoni fi żmien sat-30 ta' Settembru 2018 fuq il-proġett ta' Triq Bardan minn Miżura 4.3. Din it-talba ġiet aċċettata.

## 84.5 Għażla tal-Offerta SNTLC 05/2018 *for the provision and planting of Trees and Plants using environmentally friendly materials and practices as part of The Urban Greening Project 2018*

84.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Offerta SNTLC 05/2018 għal provvista u tħawwil ta' siġar u arbuxelli b'użu ta' materjal u prattika ambjentali li huma parti mill-proġett Urban Green Project 2018, nhar l-Ħamis 26 ta' Ġunju 2018 ġie evalwat u aġġudikat mill-bord kompost apposta. Kienu żewġ offerenti li ssottomettew din l-offerta. Skond ir-rapport tal-bord irriżulta li l-offerta ta' Agri and Pet Supplies Ltd kienet technically compliant u li din hi għal prezz ta' €14852.27 VAT esklużа.

## 84.6 Attivitajiet – Festa Santa Margerita 2018

84.6.1 Is-Sindku qal li l-Għaqda Drammatika Sannat bil-kollaborazjoni tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat flimkien mall-Ministeru għal Għawdex ser ittella' Serata ta' Talenti nhar il-Ġimgħa 13 ta' Lulju 2018, fit-8.15 p.m. fi Pjazza Santa Margerita fuq in-naħa tal-każini tal-futbol u l-banda. Il-Kunsill se jikkolabora billi jipprovdi stage lights għal waqt din l-attivita'.

84.6.2 Is-Sindku qal li dwar il-kunċert vokali u strumentali mill-kor ingliż bl-isem ta' Armery Hill School Choir (Hampshire – UK) li se jsir nhar it-Tnejn 16 ta' Lulju fit-8.00 p.m. fuq iz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali. Il-Kunsill se jipprovdi l-biljetti tal-vapur għal membri ta' dan il-kor, it-transport mill-Mġarr – Victoria – Sannat u Mġarr u PA system. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 84.7 Ilmenti u Suġġerimenti

84.7.1 Is-Sinjura Marija Carmela Cassar ta’ Triq Xabbata qed titlob li terġa ssir r-rampa mal-għalqa tagħha fi Triq tal-Gruwa. Il-Kunsill qabel ma din it-talba.

84.7.2 Is-Sur Corey Formosa mill-Ministeru għall-Għawdex qed jilmenta fuq siġra mqaċċta fil-Pjazza ta’ Sannat. Il-Kunsill ħa azzjoni mill-ewwel fuq din is-siġra tal-Oleander.

84.7.3 Is-Sur Joseph Cassar mix-Xewkija qed jitlob li ssir mera fi Triq Mġarr ix-Xini faċċata ta’ Triq l-oħra li tinfed f’nofs din it-Triq. Il-Kunsill qabel ma din it-talba.

84.7.4 Is-Sur Malcolm Bartolo mill-monitoring office tal-Gvern Lokali qed jiġbed l-attenzjoni fuq diversi road signs fil-lokalita’ Ta’ Sannat. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dawn it-tabelli diġa ġew ordnati.

84.7.5 Is-Sur Malcolm Bartolo mill-monitoring office tal-Gvern Lokali qed jiġbed għall-attenzjoni, diversi nuqqasitajiet fil-Playing Field bħal ma huma ndafa, poles mkissra u żebgħa ta’ bankijiet quddiem il-playing field. Dwar dan il-Kunsill mill-ewwel ħa azzjoni u l-bankijiet ta’ quddiem dan il-playing field ġew miżbugħa u dwar l-indafa fil-playing field tkellem mall-kuntrattur.

84.7.6 Is-Sinjura Helen Bugeja li toqgħod fi Triq Paranji qed titlob li ssir ħadida mal-ħajt biex tkun tista tinżel minn fuq l-bankina peress li din il-bankina hi ftit għolja. Il-Kunsill ma qabilx ma din it-talba u għandu jinforma lis-Sinjura Bugeja biex titlob dan mingħand sid l-appartamenti.

84.7.7 Is-Sur John Galea mir-Rabat qed jitlob li r-reserved parking ta’ quddiem 9, Pjazza Santa Margerita jitneħħa peress li ma għadx hemm użu minnu. Il-Kunsill qabel li dan jitneħħa.

84.7.8 Is-Sinjura Lora Curmi ta’ Triq Falkun qed titlob li tigi rranġata r-rampa ta’ quddiem l-garage tagħha. Il-Kunsill qabel ma din it-talba.

84.7.9 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li xi residenti ġibdu l-attenzjoni li l-merħba signs fl-entratturi tal-lokal jinsabu fi stat ħazin u għandhom bżonn ta’ bidla. Hemm bżonn ukoll li ssir merħba sign fil-bidu ta’ Triq Mġarr ix-Xini. Dwar dan il-Kunsill qabel li għandu jara x’jista jgħamel.

84.7.10 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li xi residenti ġibdu l-attenzjoni biex issir mera fi Triq tal-Gruwa faċċata ta’ Triq Mġarr ix-Xini. Il-Kunsill qabel ma din it-talba.

84.7.11 Is-Sur Teddy Curmi ta’ Triq il-Kbira qed jitlob li ssir il-bankina ta’ quddiem id-dar tiegħu. Il-Kunsill qabel ma din it-talba.

84.7.12 Is-Sindku qal li hemm il-bżonn li jinbena ħajt tas-sejjieħ fi Triq id-Daħla taċ-Ċnus. Il-Kunsill qabel ma dan u għandu jara kemm se jiġi jiswa dan ix-xogħol.

## 84.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti 7/2018

84.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda ta’ pagamenti Nru. 7/2018 biex dawn il-kontijiet ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ipprezentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta’ din l-iskeda qed tinhemez ma dawn il-minuti ta’ din il-laqgħa.

## 84.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

84.9.1 Il-laqgħa ntemmet fit-2.45 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 20 ta' Awwissu, fis-1.30 p.m.

Konfermati, illum 20 ta' Awwissu, 2018

| | |
|---|---|
| **(Iffirmata)** | **(Iffirmata)** |
| Philip Vella<br>Sindku | Jason Curmi<br>Segretarju Eżekuttiv |